



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 65/26

Il-Lussemburgu, 23 ta' April 2026

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-683/24 | Spielerschutz Sigma

Logħob tal-ażżard: Skont l-Avukat Ġenerali Emiliou, it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti Awstrijaka dwar dispożizzjoni ġdida fl-Att Malti dwar il-Logħob hija inammissibbli

Madankollu, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tadotta pożizzjoni differenti, huwa jipproponi li jiġi kkonstatat li tali dispożizzjoni, li hija intiża sabiex tipprekludi r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ċerti sentenzi barranin kontra operaturi tal-logħob tal-ażżard li għandhom liċenzja Maltija, hija kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni Ewropea

F'Ġunju 2023, Malta introduċiet dispożizzjoni ġdida fl-Att Malti dwar il-Logħob permezz ta' emenda ppreżentata fil-Parlament bħala Abbozz Nru 55¹. Skont dik id-dispożizzjoni², il-qorti Maltin, bħala prinċipju ta' ordni pubbliku, għandhom jirrifjutaw li jirrikonoxxu u/jew li jinfurzaw f'Malta kwalunkwe sentenza barranija li, essenzjalment, (i) tilqa' talba kontra operatur tal-logħob tal-ażżard li għandu liċenzja Maltija, (ii) ibbażata fuq l-illegalità tas-servizzi pprovduti minn dak l-operatur fi Stat Membru³, filwaqt li (iii) dawk is-servizzi kienu legali skont id-dritt Malti.

Qorti Awstrijaka staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk tali dispożizzjoni hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mar-regoli tar-Regolament Brussell la⁴ dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi. Il-Qorti Awstrijaka hija mitluba tiddetermina r-responsabbiltà ta' avukat li fassal, għal kumpannija li tiffinanzja talbiet ta' konsumaturi intiżi għall-irkupru tal-imħatri li jkunu għamlu ma' operaturi Maltin tal-logħob azzard online, parir dwar din il-kwistjoni stess ta' kompatibbiltà⁵.

Fil-Konklużjonijiet ta' Illum, l-Avukat Ġenerali Nicholas Emiliou huwa tal-fehma li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli, peress li risposta għad-domandi magħmula ma tidherx li hija neċessarja għar-riżoluzzjoni tat-tilwima pendenti quddiem il-qorti Awstrijaka. Fil-fatt, il-kwistjoni ċentrali hemmhekk ma hijiex jekk id-dispożizzjoni l-ġdida tal-Att Malti dwar il-Logħob hijiex, fil-fatt, kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, iżda pjuttost jekk l-evalwazzjoni tal-konsulent legali kinitx diliġenti fiż-żmien meta saret.

Din l-evalwazzjoni hija rregolata mid-dritt nazzjonali u tipikament tinvolvi paragun mal-aġir mistenni minn membru tal-professjoni legali raġonevolment prudenti u avżat. Dak li huwa rilevanti, f'dan il-kuntest, ma huwiex jekk, fl-aħħar mill-aħħar, il-parir jinstabx li huwa korrett, iżda jekk kienx raġonevolment ġustifikabbli fid-dawl tal-qafas legali u tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien rilevanti. Tali evalwazzjoni ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-talbiet għal deċiżjoni preliminari. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tinterpreta d-dritt tal-Unjoni, iżda ma tistax tiddetermina jekk parir legali partikolari kienx plawżibbli jew diliġenti biżżejjed⁶.

Għalhekk, skont l-Avukat Ġenerali Emiliou, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tirispondi għad-domandi magħmula. Madankollu, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tadotta perspettiva differenti u, għal skopijiet ta' kompletizza, huwa jindirizza l-mertu tad-domandi.

Fil-fehma tiegħu, miżura nazzjonali bħad-dispożizzjoni l-ġdida tal-Att Malti dwar il-Logħob inkwistjoni hija manifestament inkompatibbli mar-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi stabbiliti fir-

Regolament Brussell Ia.

Skont ir-Regolament, **is-sentenzi mogħtija mill-qrati tal-Istati Membri li jilqgħu t-talbiet tal-ġugaturi għar-restituzzjoni kontra l-operaturi Maltin tal-logħob tal-ażżard online għandhom, bħala kwistjoni ta' prinċipju, jiġu rrikonoxxuti u eżegwiti fl-Istati Membri l-oħra kollha, inkluża Malta.**

Skont l-Avukat Ġenerali, **Malta ma tistax tinvoka b'mod validu l-klawżola tal-"ordni pubbliku (ordre public)" prevista mir-Regolament Brussell Ia, flimkien mal-argument li s-sentenzi koperti mid-dispożizzjoni l-ġdida tal-Att Malti dwar il-Logħob huma kuntrarji għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, sabiex tiġġustifika tali dispożizzjoni.**

Fil-fatt, b'mod ġenerali, il-qrati ta' Stat Membru ma jistgħux jirrifjutaw ir-rikonoxximent ta' sentenza mogħtija fi Stat Membru ieħor, abbażi ta' din il-klawżola ta' "ordni pubbliku", għas-sempliċi raġuni li huma jqisu li d-dritt tal-Unjoni – inkluża l-libertà li jiġu pprovduti servizzi – ġie applikat b'mod żbaljat f'dik is-sentenza. Kwistjonijiet sostantivi tad-dritt tal-Unjoni ma jistgħux jiġu eżaminati mill-ġdid fl-istadju tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni, quddiem il-qrati tal-Istat Membru indirizzati, taħt il-pretest ta' dik il-klawżola.

Barra minn hekk, il-leġiżlatur Malti ma setax leġittimament jipproċedi, b'mod astratt u ġenerali, bħalma tagħmel id-dispożizzjoni l-ġdida tal-Att Malti dwar il-Logħob, fuq il-premessa li kwalunkwe sentenza f'materji ċivili u kummerċjali li tqis is-servizzi pprovduti minn operatur li għandu liċenzja Maltija bħala illegali fi Stat Membru – minkejja l-fatt li dawn is-servizzi huma legali taħt id-dritt Malti – hija neċessarjament inkompatibbli mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Fil-fatt, id-dispożizzjoni inkwistjoni tidher li hija bbażata fuq interpretazzjoni partikolarment wiesgħa tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Skont din l-interpretazzjoni, l-operaturi li għandhom liċenzja Maltija tal-logħob tal-ażżard għandhom id-dritt li jipprovdu s-servizzi tagħhom liberament u legalment fl-Unjoni kollha, sakemm ikunu konformi mad-dritt Malti. Madankollu, din l-interpretazzjoni ġiet sistematikament miċħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Fil-fatt, l-Istati Membri jistgħu, bħala prinċipju, japplikaw il-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom fil-qasam tal-logħob tal-ażżard ukoll għall-operaturi li jipprovdu servizzi lil konsumaturi fit-territorju tagħhom minn Stat Membru ieħor, bħal Malta. Il-prinċipju tal-"pajjiż ta' oriġini" ma japplikax fil-qasam tal-logħob tal-ażżard online. Barra minn hekk, **fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri ma huma taħt l-ebda obbligu li jirrikonoxxu l-liċenzji tal-logħob tal-ażżard maħruġa minn Stati Membri oħra. Għaldaqstant, liċenzja Maltija tal-logħob tal-ażżard hija, bħala prinċipju, valida biss f'Malta** u, jekk ikun il-każ, f'dawk l-Istati Membri li jagħżlu li jirrikonoxxu tali liċenzji.

Għalhekk, **bħala regola ġenerali, Stati Membri oħra huma intitolati li japplikaw il-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom dwar il-logħob tal-ażżard għall-operaturi liċenzjati Malta** ⁷. Għaldaqstant, huwa inevitabbli li jkunu sitwazzjonijiet li fihom is-servizzi pprovduti minn operatur tal-logħob tal-ażżard li jkollu liċenzja Maltija 8 jkunu illegali fi Stat Membru filwaqt li jkunu legali taħt id-dritt Malti – mingħajr ma din id-differenza tkun, fiha nnifisha, kuntrarja għar-regoli tal-Unjoni dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

Fl-aħħar nett, **l-Avukat Ġenerali josserva li d-dispożizzjoni l-ġdida tal-Att Malti dwar il-Logħob** inkwistjoni turi, fil-qofol tagħha, għan protettiv. **Hija mfassla biex tipproteġi l-industrija li l-Gvern Malti stess jiddeskrivi bħala "essenzjali" għall-ekonomija nazzjonali** mill-konsegwenzi finanzjarji potenzjalment sinjifikattivi li jistgħu jirriżultaw jekk l-operaturi kkonċernati jkunu obbligati jissodisfaw it-talbiet tal-ġugatur ikkonċernat. Barra minn hekk, dawn it-talbiet jista' jkollhom riperkussjonijiet usa' fuq l-industrija u, fl-aħħar mill-aħħar, impatt fuq l-impjieg u d-dħul pubbliku f'Malta. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li l-eżekuzzjoni ta' ċerti sentenzi tista' tinvolvi konsegwenzi ekonomiċi serji għal operatur nazzjonali, għal industrija, jew anki għall-Istat Membru indirizzati, ma jiġġustifikax l-użu tal-klawżola tal-"ordni pubbliku".

NOTA: Il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-Avukat Ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il

quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi l-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq kwistjoni simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-emenda, komunement magħrufa bħala "Abbozz Nru 55", ġiet introdotta permezz tal-Abbozz Nru 55 tal-2023, ppreżentata fil-Parlament fl-24 ta' April u saret liġi f'Ġunju 2023 (Att XXI tal-2023 – I-Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar il-Logħob). Huwa introduċa l-Artikolu 56A (iktar 'il quddiem "id-dispożizzjoni") fl-Att Malti dwar il-Logħob.

² Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' kull liġi oħra.

³ B'mod ġenerali jew fir-rigward ta' logħba tal-ażżard partikolari.

⁴ [Regolament \(UE\) Nru 1215/2012](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali.

⁵ L-avukat ikkonkluda li d-dispożizzjoni l-għdida tal-Att Malti dwar il-Logħob kienet manifestament kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni u, għalhekk, ma kienx plawżibbli li tiġi applikata mill-qrati Maltin. Il-parir kien jgħid ukoll li, skont ir-Regolament Brussell Ia, il-proċeduri ta' eżekuzzjoni f'Malta għandhom, fl-ewwel istanza, jitlestew fi żmien sitt xhur. Fuq il-bażi ta' dak il-parir, il-kumpannija kompliet tiffinanzja l-proċeduri legali inkwistjoni fl-Awstrija. Madankollu, f'it ġimgħat wara, qorti Maltija rrifjutat, abbażi tad-dispożizzjoni l-għdida, li tagħti r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni fi proċeduri ffinanzjati minn dik il-kumpannija.

⁶ L-Avukat Ġenerali jaċċetta li r-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja jistgħu jkunu ta' ċertu interess għall-qorti Awstrijaka. Madankollu, ma humiex ser jippermettulha tislet konklużjonijiet legalment vinkolanti għall-iskopijiet tar-riżoluzzjoni tat-tilwima. L-iktar l-iktar, dawn ikunu jikkostitwixxu punti li dik il-qorti tkun tista' tiegħu inkunsiderazzjoni, jekk tħoss li huwa xieraq li tagħmel dan. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-konnessjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni u t-tilwima fil-proċeduri fil-kawża prinċipali hija wisq inċerta u indiretta sabiex tiġġustifika r-reqwiżit tan-neċessità.

⁷ Jistgħu jeħtieġu lil dawk l-operaturi jikkonformaw mar-regoli nazzjonali li jirregolaw, skont il-każ, monopolji, rekwiżiti ta' liċenzjar u restrizzjonijiet regolatorji oħra. Jistgħu wkoll jagħżlu li jipprojbixxu kompletament ċerti logħob tal-ażżard jew li jirregolawhom b'mod li jkun differenti ħafna mill-approċċ adottat f'Malta.

⁸ Jew logħba tal-ażżard partikolari offruta minnu.